MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 13/2010

**Martes sive Maria Teresa Gatt xebba Vigar**

**v.**

**Joseph Gatt**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' Gunju 2010, ir-rikorrenti Martes sive Maria Teresa Gatt, gja` Vigar, talbet ir-registrazzjoni, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi civili u senjatament ghall-finijiet tal-Artikoli 23 u 24 tal-Kap. 255, tas-sentenza definittiva tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tal-Konferenza Episkopali Maltija tal-10 ta'

Mejju 2010, li kkonfermat sentenza precedenti tat-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta tas-27 ta' Marzu 2009 fir-rigward taz-zwieg kattoliku bejn il-partijiet hawn aktar 'il fuq indikati. Permezz ta' dawn id-decizjonijiet, u kif attestat bid-Digriet ta' Ezekuttivita` mahrug mill-imsemmi Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tal-31 ta' Mejju 2010, iz-zwieg kattoliku bejn Joseph Gatt u Maria Teresa Vigar celebrat fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gwann fl-14 ta' Lulju 1977 gie dikjarat null.

2. Dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku nbdew minn Joseph Gatt (li allura hu ndikat bhala *petitioner* fis-sentenzi tat-Tribunali) b'petizzjoni li huwa pprezenta lill-Ordinarju tal-Arcidjocesi fis-17 ta' Mejju 2004. Id-dubju gie formulat hekk: ***An constet de nullitate matrimonii in casu ob defectum discretionis iudicii et/vel inhabilitatem assumendi onera coniugalia ex utraque parte***.

3. Id-decizjoni tas-27 ta' Marzu 2009 kienet fis-sens li: ***constare de nullitate matrimonii, in casu, ob defectum discretionis iudicii et inhabilitatem assumendi onera matrimonii ex parte actoris; non constare de nullitate matrimonii, in casu, ob defectum discretionis iudicii et inhabilitatem assumendi onera matrimonii ex parte mulieris conventae***. It-Tribunal Metropolitan impona anke *vetitum* fuq Joseph Gatt.

4. Ebda wahda mill-partijiet ma appellat din id-decizjoni izda l-kaz mar awtomatikament quddiem it-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza skond il-Kanone 1682§2 tal-Kodici Kanoniku. Kif jirrizulta mill-paragrafu 5 tas-sentenza tat-tieni istanza (tal-10 ta' Mejju 2010), meta Joseph Gatt gie mitlub jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu entru certu terminu, huwa talab estensjoni ta' dak it-terminu, li gie allura estiz. Huwa effettivament ipprezenta l-osservazzjonijiet tieghu fl-14 ta' Lulju 2009.

5. It-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza, bid-decizjoni tieghu tal-10 ta' Mejju 2010, ikkonferma d-decizjoni tas-27 ta' Marzu 2009.

6. Meta r-rikors – issa quddiem din il-Qorti, cioe` l-Qorti ta' l-Appell – gie notifikat lill-partijiet skond il-ligi u cioe` gie notifikat lil Joseph Gatt (ghax issa r-rikorrenti kienet Martes Gatt gja` Vigar, mentri hu sar l-intimat, bil-kontra ta' kif kienu l-partijiet quddiem it-Tribunali Ekklesjastici) u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, dan ta' l-ahhar ma opponiex it-talba (ara r-risposta tas-6 ta' Lulju 2010). Joseph Gatt, pero`, permezz ta' risposta tat-30 ta' Gunju 2010, li ma tistax hlief titqies bhala wahda oppositorja, fl-ewwel lok (i) gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti li permezz ta' sentenza tal-25 ta' April 2007 fl-ismijiet **Maria Teresa sive Marthese Gatt v. Joseph Gatt** (Citaz. 1281/03 NC) moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, u li kienet ghaddiet in gudikat, kemm it-talbiet attrici kif ukoll il-kontro-talbiet tal-konvenut fir-rigward tal-annullament taz-zwieg taghhom kienu gew kollha michuda; u, fit-tieni lok (ii) oppona ghar-registrazzjoni tad-decizjonijiet tat-Tribunali Ekklesjastici fuq il-bazi li quddiem l-imsemmija Tribunali "hu ma kienx assistit minn avukat u ghalhekk ma kellux *a fair hearing*" kif rikjest bil-Kostituzzjoni ta' Malta, b'mod li ghalhekk huwa oppona r-registrazzjoni wkoll a bazi tal-Artikolu 24(5)(ii) tal-Kap. 255. Jigi osservat li skont is-sentenza tal-25 ta' April 2007 (li kopja taghha giet ezibita mar-risposta tat-30 ta' Gunju 2010), il-kawzali dedotti mill-partijiet fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Familja kienu dawk li jissemmew fil-paragrafi (a), (c), (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255.

7. Din il-Qorti rat l-Artikolu 24(5)(iii) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid hekk:

"(5) Il-Qorti tal-Appell tirregistra dik id-decizjoni billi taghti digriet li bih tiddikjara d-decizjoni bhala ezegwibbli f'Malta; dak id-digriet ma ghandux jinghata kemm-il darba l-Qorti tal-Appell ma tkunx sodisfatta illi:

- Omissis -

(iii) Ma jkunx hemm xi sentenza kuntrarja minn xi Qorti li tkun torbot lill-partijiet, u li tkun saret *res judicata*, bazata fuq l-istess raguni ta' nullita`.

8. Issa f'dan il-kaz jirrizulta li bejn l-istess partijiet hemm sentenza moghtija fil-25 ta' April, 2007, mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, u li ghaddiet in gudikat, li kienet cahdet talba ghall-annullament taz-zwieg. Il-kawzali li tressqu ghall-quddiem il-Qorti Civili bhala bazi ghal talba ta' dikjarazzjoni ta' nullita` ta' zwieg kienu vari, pero`, kienu jikkomprendu allegazzjoni li l-kunsens ta' imqar wahda mill-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Artikolu 19(1)(d) tal-imsemmi Kap. 255). Il-Qorti Civili ma sabitx li din il-kawzali giet ippruvata.

9. Issa it-Tribunal Ekklezjasitku, kif rajna, ittratta l-kaz tal-partijiet a bazi ta' din l-istess kawzali. Meta dak it-Tribunal ta d-decizjoni a bazi ta' din il-kawzali, il-qrati tal-istat kienu diga` ippronunzjaw ruhhom li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma kienx null, u kwindi, minn dak il-mument, kull decizjoni li seta' jaghti t-Tribunal Ekklezjastiku ma kienx registrabbli u dan minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 24(5)(iii) imsemmi. Bejn il-partijiet hemm sentenza kontrarja bazata fuq l-istess raguni ta' nullita` bhal kaz imressaq quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku, u kwindi d-digriet ta' ezegwibilita` "ma ghandux jinghata" minn din il-Qorti.

10. Hu veru li z-zewg gurisdizzjonijiet huma distinti, u li ebda tribunal ma hu marbut li jsegwi t-taghlim dottrinali li jsita' jigi zvillupat mit-Tribunal l-iehor, pero`, jibqa' l-fatt li bejn il-partijiet hemm sentenza kontrarja li saret ghalihom *res judicata*. Ir-ragunament taz-zewg tribunali, f'dan il-kaz, ma jikkombacjawx (ghalhekk hemm decizjonijiet differenti), u l-ligi trid li f'kaz bhal dan ghandha tipprevali s-sentenza ta' dawn il-Qrati. Kwindi, it-talba ghar-registrazzjoni tas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ta' Martes sive Maria Teresa Gatt xebba Vigar kif kontenuta fir-rikors taghha tas-17 ta' Gunju 2010 bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------